MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 459/2001/1

**Avviz numru 459/2001DM**

**Najah Ben Anma Kalifa**

**Vs**

**John Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut tal-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u tnejn u ghoxrin lira maltin (Lm 422) bilanc lilu dovut ghal xoghol li hu ghamel mieghu bhala impjegat u li jikkonsisti f’hamest ijiem paga, bonus, kif ukoll ‘leave’ illi l-attur kien intitolat ghalih meta kien fl-impieg mal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta’ l-ittri bonarji tal-hamsa (5) ta’ Awissu, 2000, tat-tnejn (2) ta’ Jannar, 2000, ta’ l-ittra ufficjali tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Frar, 2001 u bl-ighax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:-
Preliminarjament il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni odjerna stante l-mghoddija ta’ sena minn meta kien gie tterminat l-impieg ta’ l-attur;

Fit-tieni lok u minghajr pregjudizzju ghall-premess, il-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gjudizzju peress illi l-attur ma kienx impjegat tal-konvenut fil-kapacita` tieghu personali;

Fit-tielet lok, minghajr pregjudizzju ghall-premess u fil-meritu, t-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu respinti stante li huma ghal kollox infondati kemm fattwalment, kif ukoll legalment peress li ma kien ghad fadal l-ebda pendenzi ma’ l-attur meta l-impieg tieghu kien gie tterminat mis-socjeta` ‘Capital Plus Investment Limited;

B’riserva illi jigu ppresentati eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz; Bl-ispejjes kontra l-attur li hu minn issa ingjunt ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-lum la l-attur u lanqas id-difensur tieghu ma dehru;

Ghaldaqstant fuq talba tad-difensur tal-konvenut wara li l-Qorti rat l-Artikolu mija disgha u disghin (199) sub-inciz tnejn (2) tal-Kap. tnax (12) qed tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gjudizzju.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

---------------------------------TMIEM---------------------------------